# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 291/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**Carmel Polidano**

Iben Joseph, imwieled Pieta', fis-7 ta' Lulju, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 506259(M)

Illum, 24 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotti kontra l-appellant Carmel Polidano quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Polmesh Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u ir-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sa hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (4) id-denunzji, flimkien mal-hlas

dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta’ Dicembru 2011 sat-30 ta’ Settembru, 2012 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66 u 76(c) ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien ma ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta’ hames ewro kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 27, 66, 76(c)(d) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800.00).

Peress li t-talba ghall-impozizzjoni ta’ terminu u multa addizzjonali giet irtirata l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Polidano minnu pprezentat fis-7 ta’ Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u **tirrevoka u thassar** s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent Carmel Polidano hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skont il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara f’dik il-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta’ certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-

prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija “unsafe and unsatisfactory”.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
Illi sussegwentament, Polidano group, li dina s-socjeta’ taghmel parti minnu dahal fl-iskema tal-VAT li kien hareg il-Gvern rigward denunzji tal-VAT mhux mibghuta fiz-zmien stipulat u rigward bilanc dovut mhux imhallas. Minkejja li hemm sahansitra anke ftehim dwar kif ha jsiru l-pagamenti bejn il-Group Polidano u d-Dipartiment tal-VAT, il-proceduri legali kontra l-esponent bhala Direttur tas-socjeta’ Polimesh Limited baqghu ghaddejjin.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
Illi hemm akkordju globali fuq il-pagamenti tad-Dipartimenti tat-Taxxi kollha u dan fil-kuntest ta’ tpaccija ta’ krediti li l-istess Polidano Group ghandu jiehu minghand diversi dipartimenti tal-Gvern.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **ir-raba aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
Illi hemm ftehim ta’ akkordju li se jigi ffirmat bejn Polidano Group u l-Gvern ta’ Malta, fejn Polidano Group se jitrassferixxi lill-Awtorita’ tad-Djar diversi proprjeta’ ta’ mhux anqas minn tlett mitt unit u dana bhala tpaccija ta’ bilanc li huma dovuti minn Polidano Group lil diversi Dipartimenti tal-Gvern fosthom lid-Dipartiment tal-VAT.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji li ressaq l-appellant gew analizzati bir-reqqa.  Minn analizi taghhom ebda wiehed minnhom ma jirrizulta li hu pertinenti ghal dan l-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Carmel Polidano u tikkonferma s-sentenza appellata.